# *Ngħarfu l-Knisja tagħna - 2*

Salvator Mousù



**L-Apside**

Dawk li jsegwu u forsi jżommu dawn il-programmi tal-festa, forsi jiftakru li ġa tajna ħarsa fuq fuq lejn l-intern tal-Knisja u drabi oħra ffokajna fuq aspetti prominenti bħal dawk tat-titular u t-Tabernaklu. Kelli fi ħsiebi li did-darba nittratta dik il-parti tal-knisja li sa ftit ilu konna nsibuha bħala l-kor, imma deherli li jkun aħjar li flimkien ngħarfu aspett partikulari ieħor ta' l-istess kor, biex isegwu dawk it-tnejn li ġa semmejt u dan huwa l-apside.

L-apside, kif xi wħud jafu, hija dik il-parti estrema tal-kor fis-saqaf tal-Knisja, il-lum qisha tittroneġġja fuq l-altar maġġur, u din hija ffurmata minn speċi ta' nofs koppla, jew kwart ta' sfera, li tagħlaq, biex ngħid hekk, il-korsija. Peress li semmejt il-kelma "tagħlaq" din ninkludiha fit-tifsira tal-kelma nnifisha oriġinali: apside, kelma li ġiet direttament mill-kelma identika Latina li tfisser ark jew qaws u li minn naħa tagħha tnisslet minn dik griega "hapsis" li tfisser turbot, jew appuntu tagħlaq, kif għidt, il-għaliex dil-parti tas-saqaf qisha bħal torbot it-tarf ta' l-istess saqaf.

Bħala kostruzzjoni minn naħa l-oħra l-apside żviluppa direttament mill-binja rumana magħrufa bħala "basilica" binja li fi żmienhom kienet isservi ta' qorti fejn l-apside allura kien jifforma jew jagħti ideja ta' qisu tron jew għata speċjali u finali tal-binja li kienet tinkuruna t-tron elevat tal-prim imħallef akkumpanjat minn assistenti mħallfin. Malli l-kristjaneżimu ġie lliberat uħud minn dawk il-bażiliki oriġinali rumani ġew utilizzati bħala knejjes u sa servew ukoll ta' mudell għall-ewwel knejjes pubbliċi tista' tgħid fl-imperu ruman kollu.

Mela hawn nosservaw kemm dan l-apside kellu, u għad għandu mportanza storika, arkitettoni-



ka, strumentali u anke liturġika sa ċertu punt u ħabat tajjeb li daħħalt il-"basilica" il-għaliex il-knisja tagħna, kif sostnejt fl-artiklu tas-sena l-oħra, hi ta' stil basilikali: stil li segwieh, iddisinjah u ggwidaħ taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu l-mibki Antonio Sammut – bla ebda ħlas! Sa qisu xi erbgħin sena ilu l-apside kien għadu sempliċi u vojt imma l-Kappillan ta' dak iż-żmien ried li jornaħ u jżewqu, bħal tant knejjes oħra, billi jabbellieh bil-pittura u dekorazzjoni kif fil-fatt twettaq fis-sena 1968.

Kien tqabbad għal din l-operazzjoni l-pittur Giuseppe Briffa (1901-1987) li pprova joħloq kompożizzjoni li taqbel, kemm jista' jkun, armonjosament mal-għamla tal-apside. Din spjegajtha xi ftit fl-artiklu tas-sena l-oħra w għidt ukoll li din it-tip ta' komposizzjoni ġiet ispirata minn oħra simili li l-pittur Ramiro Cali' (1884-1947) kien pitter fil-koppla tal-Knisja tal-Karmnu tal-Belt qabel ma ġiet disgrazzjatament distrutta sabiex tittella flokha knisja oħra gargantuana.

Mela, naraw f'dil-pittura apsidali, mix-xellug għal-lemin, lill-Profeta Elija, Il-Madonna fin-nofs bejn San Xmun Stock u xi Anġli u fuq il-felli tal-lemin, lill-Santa Teresa ta' Avila. Jibda allura n-nofs dawra dana Elija, xi wħud isibuh ukoll bħala Sant'Elija, li l-Karmelitani jqisuh bħala l-ewwel eżempju u xempju tal-eremiti w eremiteġġi li tnibbtu sa mill-ewwel sekli tal-kristjaneżimu w aktar tard faqqsu sew speċjalment fil-lvant nofsani u in-nord afrikan; firxa kbira ta' art li kienet miżgħuda bl-insara.

Biex aktar tiġi enfassiżżata din ir-rabta ta' Elija mal-eremiti, dawn tal-aħħar kienu jħaqquha u jenfasiżżaw il-fatt li Elija kien xebħ u simbolu ta' persuni fl-evanġelji kif ukoll relatati direttament mal-miġja tal-Feddej tagħna. Kien xebħ, kważi identiku, ma' San Ġwann Battista u ta' kuntatt dirett ma' Ġesu' meta deher jiddiskuti miegħu fuq il-muntanja Tabor. Saħansitra sal-lum għada tirrenja f'bosta l-ideja li Elija nnifsu għad jirritorna bi prominenza fid- "Diesilla tremenda" tal-Ġudizzju Universali.

Dawn it-tip ta' ħsibijiet u eremiti kienu ġew skoperti mill-kruċjati kmieni fis-seklu tnax meta, b'għaġeb tagħhom, iltaqgħu ma' dawn l-eremiti propju fil-muntanja tal-Karmelu u li kienu spjegaw lill-kruċjati li huma kienu qegħdin isegwu lill-mudell u fundatur tagħhom i.e. lill-Profeta Elija. Biex ir-rabta ta' dawn l-eremiti tkompli tissaħħaħ ma rridux ninsew ukoll li Elija, fil-waqt li kien jittajjar lejn is-sema, tefa' l-mantell lid-dixxiplu tiegħu Elisew u dan il-mantell aktarx nibbet l-ideja tal- "abito" Karmelitan li sar aktar tard.

F'idejħ Elija narawlu xabla mdaqqsa li flok xafra għandha lsien potenti tan-nar sinjifikattiv ta' meta l-Mulej – propju fuq il-Muntanja tal- Karmelu – tafa ilsna tan-nar qawwija biex jaħraq u jikkonsma s-sagrifiċċju ta' Elija. Dan in-nar ukoll jirreferi għall-ħruq ta' ħamsin suldat, armati sa snienhom, li kienu marru, fuq ordni ta' Achab, biex jarrestawh. Ir-rota f'idejh ix-xellugija tiss-injifika wkoll il-karru tan-nar li ħatfu u ġarru lejn is-sema fi tmiem ħajtu.

Xebħ ieħor ma' Ġwanni l-Battista kien dak ta' l-ilbies tal-profeta li kien ferm fqajjar u selvaġġ miżmum b'sempliċi qafla tal-ġild ma' qaddu. Fil-pittura iżda, l-awtur jurihulna b'ilbies rikk u kkulurit u din nistgħu nqisuha bħala liċenzja pittorika biex il-pittur jitfa' daqxejn ta' kulur fuq komposizzjoni kważi monokroma fejn il-kannella w il-varjanti tiegħu iddominaw.

Fil-pannell maġġuri tan-nofs naraw lill-Madonna liebsa l-abitu Karmelitan li qegħdha tnewwel

il-labitu lil San Xmun Stock. Din bħala komposizzjoni pittorika kont tkellimt fuqha s-sena l-oħra kif ukoll is-sinjifikati tagħha. Semmejt il-labitu tal-Madonna u li bih ridt nindika l-kostum tal-Karmelitani apposta l-għaliex minn dil-kelma ta' abitu li ġiet direttament mit-taljan "abito" li tfisser libsa. Imbagħad minnha twieldet il-kelma ferm devozzjonali maltija tal-labtu u li minn naħa tiegħu huwa marbut esklusivament mal-Madonna tal-muntanja Karm-El li tfisser il-"Ġnien t'Alla".

L-interessanti dwar il-labtu jew il-libsa tal-Karmelitani huwa li din kienet l-għata orjentali tal-abitanti tal-Lvant b'mod partikulari tal-Art Imqaddsa; għata tal-għażel jew tal-qoton maħsuba bħala protettiva kontra is-sħana ta' dawk in-naħat kif ukoll tal-Afrika ta' Fuq. Issa ġara li meta l-mawmettani reġgħu ħadu f'idejhom, f'banju ieħor ta' dmijja, lill-Art Imqaddsa, l-eremiti tal-Karmelu, li issa kienu ffurmaw ruħhom f'Ordni, kellhom jaħarbu w bosta minnhom ġew fl-Ewropa bil-libsa tagħhom biss li kienet tista' tgħid il-kostum tal-Orjent, islamiku u mhux. Dan it-tip ta' lbies kien fantas lill-Europej li ħassew li dan kien kostum għarbi u allura dawk il-Karmelitani kellhom jibdluħ xi ftit u jaddottaw ieħor inqas "berberu" jew "saraċinesk"!

Intant mela naraw f'dan l-affresk ċentrali lil San Xmun Stock jirċievi l-labtu direttament minn id il-Madonna: labtu sempliċi, ċkejken, mhux ingombranti u "modern", f'kelma waħda għal li nafuh il-lum.

San Xmun Stock (1165-1265) kien eremit fil-Monti Karmelu u minn hemmhekk kellu jaħrab ma' l-oħrajn mill-Art Imqaddsa u jmur lura lejn pajjiżu: l-Ingilterra. Peress li kien laħaq il-ġeneral tal-Karmelitani huwa biddel u trasforma l-ideal eremitiku f'dak ta' Ordni Monastiku. Tradizzjonalment jingħad li propju fis-16 ta' Lulju tas-sena 1251 il-Madonna dehritlu f'Cambridge u newwlitlu l-labtu b'wegħdiet ta' grazzji speċjali lil kull min ixiddu u minħabba f'dal fatt mirakuluż twieldet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-16 ta' Lulju. Min jaf hux b'kumbinazzjoni li l-festa ta' San Xmun Stock innifsu tiġi ċċelebrata wkoll fis-16 imma ta' Mejju!

Fl-aħħar felli fuq ix-xellug tal-Madonna bil-Bambin naraw lill-Santa Tereża ta' Avila (1515-1582) dik il-fundattriċi w riformatriċi kbira ta' l-Ordni Karmelitan li mhux biss tat ħajja ġdida spiritwali, talli sakemm mietet, kien irnexxielha tiftaħ sbatax-il-kunvent tas-Sorijiet u ħmistax tal-Patrijiet.

L-ispiritwalita' profonda tagħha w il-kapaċita' ta' kittieba ispirawha biex toħloq kitba tal-għola livell mistiku u mhux biss talli l-kotba tagħha l-lum huma meqjusin u magħdudin mal-klassiċi. Biex ukoll jiġi kkonfermat il-kobor tagħha f'dan il-qasam m'ilux wisq, i.e. fis-sena 1970, il-Papa Pawlu V1 sa wasal biex ipproklamaha bħala waħda mis-Santi Padri Tal-Knisja.

Għalhekk hawnhekk narawha bi ktieb u pinna f'idejha fil-waqt li ħamiema tittajjar ħelu ħelu lejha li tissinjifika l-għerf ispirattiv ta' l-Ispirtu S-Santu li qed inebbħilha l-kitbiet eċċezzjonalment sbieħ u elokwenti tagħha.

Jien inħoss li dan l-ispeċi ta' trittiku apsidali jixhed mhux biss it-twelid, l-iżvilupp u kompiment tal-messaġġ Karmelitan imma li ndirettament ukoll qed joffrilna simboli tat-tlett virtujiet teologali, jiġifieri dik tal-fidi b'Elija, dik tat-tama fil-Labtu ċentrali u dik ta' l-imħabba fl-appostlu ta' l-imħabba tas-seklu sittax: Santa Teresa.